MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 1032/2005/1

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Carmen Galea, u l-istess Carmen Galea**

**vs**

**George Zahra**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta’ Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta’ Mejju, 2005, fejn intqal:
Illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta’ mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm275.00) u dana in kwantu ghas-somma ta’ mija u hamsa u sebghin lira Maltija

(Lm175.00) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100.00) lill-attrici Carmen Galea, rappresentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bun-numru GVN-038 fit-3 ta' Ottubru, 2004 gewwa z-Zejtun habat mal-vettura numru JBA-917 proprjeta` ta' Carmen Galea u ikkaguna danni f'din l-istess vettura,
Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-parir (Lm15) u tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Marzu, 2005 u bl-imghax, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tat-13 ta' Ottubru, 2005, fejn intqal li l-pretenzjoni vantata mill-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident sehh unikament tort ta' l-attur stante li s-sewqan kien wiehed negligenti, traskurat u kien hemm nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Semgha x-xhieda ta' pS1429 Eric Mangion, Carmen Galea u George Zahra. Ra l-affidavits ta' Walter Scerri, George Zahra u Victor Sciberras. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra :
1. il-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fi Triq Tal-Barrani, Zejtun fit-3 t'Ottubru, 2004 ghall-habta tad-9pm. Involuti fil-kollizjoni kienu l-ambulanza GVN-038 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura JBA-917, misjuqa mill-attrici.
2. Skond ir-Road Accident Report esebit, l-attrici kienet miexja fi Triq tal-Barrani fid-direzzjoni ta' Birzebbugia, meta f'daqqa wahda waqt li ghaddejja mas-central strip minn gol-mera rat ambulanza gejja bid-dwal mixghulin. Ghalhekk hi intefghet mal-genb. Tghid li kif din ghaddiet u kienet diehla lejn iz-Zejtun laqtitha. Il-konvenut jikkonferma li kien ghaddej bil-beacon lights mixghulin, meta kif dar go Triq il-25 ta' Novembru, sema' hoss u waqaf.

3. Jirrizulta li sketch ma sarx peress li l-vetturi ccaqalqu.
4. Jirrizulta li b'konsegwenza tal-incident l-attrici kellha hsara fuq quddiem in-naha tal-lemin, fil-mudguard, bumper u side lamp. L-ambulanza kellha hsara fuq wara in-naha tax-xellug.
5. Skond PS 1429 Eric Mangion l-attrici kienet resqet u waqfet sabiex thalli l-ambulanza tghaddi, L-ambulanza kienet fuq kjamata ta' emergenza.
6. L-attrici tikkonferma li l-ewwel darba li rat l-ambulanza kienet il-boghod. L-attrici tikkonferma li resqet mal-genb biex l-ambulanza tghaddi. Hi tghid li waqt li kienet fil-karreggata ta' gewwa, l-ambulnaza kisret f'salt minn fuq l-outer lane, u qasmet quddiema biex tidhol fi Triq il-25 ta' Novembru.
7. Il-konvenut jghid li kellu l-beacon lights mixghulin, u kien xeghel l-indicator biex jikser ghall go Triq il-25 ta' Novembru.
8. Ghalhekk mill-provi mismugha jirrizulta li l-ambulanza tassew kienet fuq kjamata ta' emergenza. Jirrizulta wkoll li kellu l-indicator mixghul. Jirrizulta wkoll li l-attrici, kif kien fi dmira li taghmel, dahlet il-gewwa meta rat l-ambulanza gejja, u meta kienet ghada il-boghod minnha, Jirrizulta li l-ambulanza kisret minn gol-karreggata, qasmet il-karreggata li minnha kienet ghaddejja l-attrici, sabiex tidhol fi Triq il-25 ta' Novembru. Ra ukoll is-sentenza esebita « Fogg vs Borg » (Appell Sede Inferjuri GCD – 17.10.2002)
9. Tenut kont tac-cirkostanzji kollha it-Tribunal hu tal-fehma li l-incident gara tort taz-zewg sewwieqa fi grad ugwali. Kien tort tal-attrici li ma waqfitx meta ratu gej bl-indicator mixghul. Kien tort tal-konvenut li, anke jekk fuq emergenza, mghamilx semplici sorpass izda issorprendiha meta qasmilha t-triq. Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' mija sebgha u tletin lira u hamsin centezmu (Lm137.50).

Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib liz-zewg sewwieqa responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebgha u tletin lira maltija u hamsin centezmu (Lm37.50) u lill-attrici

s-somma ta’ mitt lira Maltija (Lm100.00) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mil-lum.
L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha. Huwa hassu aggravat bil-konkluzjoni tat-Tribunal li sabu hati li kkontribwixxa ghall-incident in kwantu ssorprenda lill-attrici Carmen Galea meta qasam minn quddiemha. Huwa jikkontendi illi qatt ma seta’ ssorprenda lill-attrici ghaliex kien ta’ sinjal tempestiv permezz ta’ l-*indicator* li ried jidhol fit-triq fuq ix-xellug tieghu. Apparti dan, l-attrici kellha wkoll indikazzjoni sufficcjenti permezz tal-*beacon lights* u tas-sireni tac-cirkostanza ta’ emergenza ghall-ambulanza misjuqa minnu. Abbinat ma’ dan kollu, skond l-appellant, kien hemm il-fatt li l-attrici ma waqfetx;

Fit-twegiba taghhom s-socjeta` assiguratrici attrici u l-istess attrici ssottomettew illi l-konvenut kellu l-obbligu li jaccerta ruhu li seta’ jdur fuq ix-xellug tieghu minghajr ma jkun ta’ ostakolu ghal traffiku iehor transitanti ma’ gembu fuq il-*lane* ta’ gewwa;

Kif ritenut f’ gurisprudenza pacifika in materja ta’ incidenti stradali wiehed ghandu jiggwida s-sewqan tieghu fil-harsien ta’ dawn il-principji:-

(1) Ibda biex, *driver* ta’ karozza li jigi biex jissorpassa karozza ohra ghandu jkun zgur li qabel ma jaghmel dik il-manuvra jkun jista’ jaghmilha b’ sikurezza (**Kollez. Vol. XLV P I p 253**). Hu kellu allura l-obbligu li jaccerta ruhu li seta’ jibda, ikompli u jtemm din il-manuvra li hija perikoluza fiha nnifisha minghajr ma jikkreja sitwazzjoni ta’ perikolu ghalih u ghall-vetturi ohra, utenti tat-triq (“**Andrew Abela *et* -vs- Charles Dingli** “, Appell Inferjuri, 24 ta’ Marzu 2000);

(2) *Driver* li jkun ser idawwar il-karozza tieghu biex jidhol fi triq ohra ghandu jaccerta ruhu li jaghmel

sinjal lid-*driver* li jkun gej warajh biex jurih li ser jaghmel dik il-manuvra u b' hekk jaghti lid-*driver* li jkun gej warajh l-opportunita` li jevita kollizjoni (“**Il-Pulizija -vs- Salvu Saliba**”, Appell Kriminali, 16 ta' Jannar 1954);

(3) Il-manuvra ta' traversament ta' triq hija ferm delikata u perikoluza u timponi fuq min jaghmilha li jaghti sinjal tempestiv u jassikura ruhu minn qabel li huwa jista' jaghmel din il-manuvra bla perikolu. Ara “**Stefan Xuereb -vs- Maria Concetta Debono *et***“, Appell, 30 ta' Marzu 2001. Gie affermat fis-sentenza in re “**Il-Pulizija -vs- Rokku Buhagiar**”, Appell Kriminali, 20 ta' Gunju 1949, li min jonqos minn dawn id-dmirijiet hu hati ta' sewqan perikoluz;

(4) Huwa wkoll principju li n-negligenza ta' *road user* wiehed ma tiskuzax in-negligenza ta' *road user* iehor. Dan ghaliex id-diligenza ta' min ikun qed isuq vettura ghandha tikkomprendi anke l-adozzjoni ta' dawk il-mezzi li huma adatti biex jigu evitati l-konsegwenzi tan-negligenza jew l-imprudenza ta' haddiehor. Ara **Kollez. Vol. XXX P IV p 625**;

Hu mistenni li in linea ta' massima generali l-principji appena riprodotti japplikaw dejjem. Jezistu pero` sitwazzjonijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku li jistghu jitqiesu eccezzjonali u, in kwantu tali, jimponu fuq is-sewwieqa l-osservanza rigoruza tad-dettami regolamentari. Dan fil-kazijiet ta' emergenza li fihom ikunu involuti ambulanzi, *fire-engines* u vetturi tas-salvatagg u tas-sokkors. F' sitwazzjoni bhal din jinsab dettat mill-Artikolu 84 tal-Motor Vehicles Regulations illi “id-*driver* ta' vetturi ghandhom, kif jisimghu jew jaraw xi wiehed mill-mezzi ta' twissija akustici jew vizwali msemmija fir-regolament 83 ta' dawn ir-regolamenti, jersqu bil-heffa lejn in-naha tax-xellug tat-triq u jieqfu, hekk li jhallu hielsa kemm ikun possibbli mill-karreggati sabiex tghaddi jew jghaddu l-vettura jew vetturi fuq dmir ta' emergenza jew prijorita` u jistghu jkomplu fi triqthom biss wara li dik il-vettura, jew vetturi, ikunu ghaddewhom”;

Il-kaz prezenti hu wiehed minn dawn. Il-konvenut sewwieq ta’ l-ambulanza ko-involt fl-incident ried imur iz-Zejtun fuq sejha ta’ emergenza biex minn hemm jigbor pazjent. Gew attivati mill-ewwel il-*beacon lights* u s-sirena u ma’ dawn, l-*indicator*, meta l-ambulanza kienet tinsab fi Triq il-Barrani. L-attrici tghid li hi indunat bil-*lights* ta’ l-ambulanza meta din kienet ghadha distanti minnha, ressqet fil-genb u kompliet miexja fuq l-*inner lane*. Skond ix-xhieda ta’ Walter Scerri (fol. 35) u ta’ Victor Sciberras (fol. 39), li kienu riekba fl-ambulanza, wara l-incident l-attrici stqarret maghhom li ma kienetx intebhet bl-*indicator*, intiz, skond il-konvenut (fol. 40), biex idur fuq ix-xellug u jidhol fit-triq li taghti ghaz-Zejtun;

Bil-konoxxenza ta’ dawn il-fatti u tal-principju regolamentari suddett, din il-Qorti ssib li ma tistax tikkondividi r-ragonament tat-Tribunal li sab htija kontributorja fl-appellanti ghaliex dan kiser fuq ix-xellug tieghu minghajr ma accerta ruhu li seta’ jaghmel dan bla tfixkil u sorpriza ghall-attrici. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti fuq il-kumpless tal-provi l-habta ssuccediet ghaliex, kif konfessat mill-attrici nnifisha (ara deposizzjoni taghha a fol. 25) hi baqghet miexja fuq l-*inner lane*. Ghall-Qorti dan il-fatt kien deciziv biex avverat il-habta. Meta l-attrici assumiet il-karreggjata ta’ gewwa din il-posizzjoni, konfacjenti mal-manuvra minnha ntiza, kienet tiddettalha li tieqaf, tkun attenta ghas-senjalazzjoni ta’ l-ambulanza u mhux tassumi li l-ambulanza kienet ser tibqa’ sejra ghad-dritt fl-istess triq konsegwita minnha. Evidentement, l-attrici appellata segwit l-ewwel parti tar-regolament precitat izda mbaghad ma waqfetx u kompliet issuq bil-konsegwenza li ma ndunatx li l-ambulanza kienet ser tghaddi minn quddiemha u taghlqilha l-passagg;

Jekk hemm bzonn jigi ripetut, meta s-sitwazzjoni tkun eccezzjonali u s-senjaletika tkun indikattiva li tabilhaqq jezisti stat ta’ emergenza, l-attrici kellha tistenna u tipprovvedi ghal dik l-emergenza. Jekk, kif inhu l-kaz, hi

baqghet issuq u sar l-iskontru ma' l-ambulanza li ssorpassatha, ghandu jinghad li f' cirkustanza simili hi ma tistax tezimi ruhha mir-responsabilita` intiera ghall-kollizjoni fuq il-motiv li l-ambulanza sorpassanti ttraversatilha t-triq perkorsa minnha. Dak l-izball inizzjali ta' l-attrici li tipprosegwi fis-sewqan taghha, bi ksur tad-dettam regolamentari, ma ghandux, fil-hsieb tal-Qorti, jigi newtralizzat jew mitigat minn xi allegata manuvra nkawta ta' l-appellant. Kien jinkombi fuq l-attrici li tirrispetta dak ir-regolament fl-interezza tieghu, u ladarba, kif rizultanti mill-provi, is-senjaletika li tat l-ambulanza kien sufficjentement tempestiv f' kull rispett hi ma kellhiex tghaddas rasha qisu mhux qed jigri xejn madwarha;

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma tarax li kellha tinstab htija, anqas wahda kontributorja, fl-appellanti u ghalhekk thoss li r-responsabilita` ghall-incident kellu jaqa' unikament fuq l-attrici appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell lilha sottomess mill-konvenut appellant u b' hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-Tribunal in raguni ghall-konsiderazzjonijiet superjorment maghmula. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi ghandhom jitbatew mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------